MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 420/2009

**Franco Borg (ID 180877M)**
**vs**
**Network Enterprises Limited (C 30553) gia EMKY Limited**

Illum 11 ta' Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 2 ta' Novembru 2009 fejn ir-rikorrenti ghamel referenza ghal 'exclusivity agreement' illi kien gie ffirmat bejn il-partijiet fl-1 ta' Gunju 2006 u sahaq li, peress illi s-socjeta intimata kienet naqqset milli tosserva l-kundizzjonijiet ta' tali ftehim, din il-Qorti kellha tiddikjara li s-socjeta konvenuta kissret tali ftehim u ghalhekk kellha tigi kundannata thallas is-somma ta' tlett elef, disgha mija u hmistax-il Euro (€3,915) rappresentanti danni prelikwidati dovuti lir-rikorrent. Ir-rikorrent talab ukoll l-imghax mill 25 ta' April 2008, data meta s-socjeta intimati giet interpllata b'ittra ufficjali, sad-data tal-pagament effettiv flimkien ma' l-ispejjez.

Rat ir-risposta tas-socjeta rikorrenti ippresentat fis 26 ta' Jannar 2010 fejn preliminarjament eccepiet illi l-azzjoni kienet preskritta filwaqt illi fil-meritu, eccepiet illi ma kien hemm ebda ftehim iffirmat bejn il-partijiet filwaqt illi sahqet ukoll illi l-prodotti mibjugha mir-rikorrenti kienu ferm oghla minn dawk tas-suq u, bhala rizultat ta' dan, is-socjeta intimata, li kienet tiggestixxi restaurant, tilfet il-klijentela u sarilha isem hazin.

Rat illi fl-24 ta' Novembru 2010 is-socjeta intimata ressqet eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-ftehim ikkuntrattat bejn il-partijiet kien null u bla effett stante illi jikser il-Ligi dwar il-kompetizzjoni gusta.

Rat illi fit 8 ta' Lulju 2013 l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet irtirata mis-socjeta intimata.

Rat ix-xhieda ta' **Franco Borg**, moghtija fil 11 ta' Mejju 2010 flimkien ma' kopja tal-kuntratt iffirmat bejn ir-rikorrenti u is-sojeta intimata, dak iz-zmien isimha kien EMKY Limited.
Rat in-nota b'korrispondenza dwar il-kwistjoni bejn il-partijiet ippresentata mir-rikorrent fil 31 ta' Jannar 2011.

Rat l-affidavit ta' **Karl Bonaci**, rappresentant tas-socjeta intimata, ippresentat fil 11 ta' Frar 2011.

Semghet ix-xhieda ta' **Karl Bonaci** u **Clint Micallef**, prodotti mis-socjeta intimata u moghtija fis 17 ta' Frar 2012.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Franco Borg** moghtija fil 11 ta' Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Clint Micallef** moghtija fid 9 ta' Lulju 2012.

Semghet ix-xhhieda in kontro ezami ta' **Karl Bonaci** moghtija fis 27 ta' Mejju 2013.

Rat illi fis-27 ta' Mejju 2013 il-partjiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi filwaqt illi fit-8 ta' Lulju 2013 il-partijet

ittrattaw il-kaz, li gie differit ghallum sabiex tinghata sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi s-socjeta intimata, Network Enterprises Limited, li qabel kien jisimha EMKY Limited, kienet tiggestixxi hanut ossija restaurant bl-isem ta' Passaparola. Dana il-hanut kien jigi gestit minn Karl Bonaci illi kien imexxi r-restaurant hu, u mieghu kellu wkoll jghinu lill certa Clint Micallef li kien jiggestixxi r-restaurant ukoll.

Jirrizulta illi, mument minnhom, Karl Bonaci kien gie avvicinat minn Franco Borg, illi kien jopera taht l-isem Omnitrade Food & Beverages Suppliers, sabiex ir-rikorrent jibda jissupplixxi lis-socjeta intimata inbejjed ta' barra kif ukoll prodotti ohra b'mod esklussiv lis-socjeta intimata. Eventwalment jidher illi ntlahaq ftehim bejn il-partijeit u fl 1 ta' Gunju 2006, il-partijet iffirmat ftehim li jidher esebit fil-process a fol 17, li fih is-socjeta intimata kienet inghatat 'temperature controlled wine storage cabinet' illi kienet inxtrat appositament mir-rikorrent ghas-socjeta intimata filwaqt illi kienet obbligat ruhha illi tixrti l-inbid ta' barra kollu minghand ir-rikorrent u kella taghmel bejgh tal-prodotti hekk mixtrija ta' Lm500 fix-xahar.

Jirrizulta, skond ix-xhieda tas-socjeta intimata, illi, mument minnhom, wara illi kienu ilhom jixtru l-inbid minghand ir-rikorrent, inqala kaz gewwa r-restaurant fejn klijent lil kien mar fuq il-post kien oggezzjona ghal kont ta' l-inbid illi kienet ghamlet is-socjeta intimata peress illi qal li l-istess inbid seta jinxtara minn supermarkets bi prezz ferm orhos. Is-socjeta initmata, tramite ir-rappreentant taghha Karl Bonaci, kienet gharrfitu illi dana ma setax ikun peress illi l-inbejjed qed jinxtraw b'mod esklussiv minghand ir-rikorret. Tali klijent, li jidher ma kienx kuntent bir-raguni illi ta' Bonaci, sabiex jiggustifika tali oggezzjoni, reggha mar jiekol ghandu il-gimgha ta' wara u, wara illi ordna l-inbid, hareg flixkun ta' inbid l-istess ghal dak ordnat illi huwa kien xtara minn gewwa supermarket u li kien ferom orhos.

Bonaci stqarr illi, meta ra hekk, huwa kellem lill-Clint Micallef li kkonferma li kien sema l-istess haga minghand diversi nies, u dana ta' l-ahhar mar gewwa supermarket biex jivverifika u sab l-istess inbid jinbiegh bi prezz ferm orhos minn dak tar-rikorrent. Bhala rizultat, Bonaci stqarr illi ikkomunika ma' Borg sabiex tinstab xi soluzzjoni izda dina ma instabietx u, peress illi kien tilef il-fiducja fih, kien naqqas drastikament l-ordnijiet sakemm eventwalment ma ghamel xejn aktar ordnijiet peress illi beda jixtri direttament mis-supermarkets.

Jirrizulta illi saru diversi tentattivi da' parte ta' Borg sabiex jasal f'arrangament ma Bonaci, anke tul il-proceduri odjerni, izda, dawna ma wasslu ghall imkien. Sussegwentement, jirrizulta illi darba minnhom, huwa cempel fir-restaurant sabiex jara x'kien ser isir mis-sitwazzjoni u huwa gie mgharraf illi issa r-restaurant ma kienx ghadu aktar f'idejn is-socjeta intimata u Bonaci, izda issa kien f'idejn Clint Micallef, u dana Micallef gharrfu illi ma ried ikollu x'jaqsam xejn mieghu peress illi l-ibid li kien ibiegh kien oghla minn dak li seta jinxtara minn gewwa supermarkets u ta' l-istess ditta.

Illi dana eventwalment wassal lir-rikorrent sabiex jintavola il-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jidher car, fil-kaz odjern, illi kien hemm ftehim milhuq bejn zewgt partjiet wara diskussjonijiet varji, fejn ir-rikorrent offra li jixtri 'temperature controlled wine storage cabient' lis-socjeta intimata versu il-prezz ta' Lm1,200, filwaqt illi s-socjeta intimata obbligat ruhha illi tixtri inbejjed ta' barra unikament minghand ir-rikorrent.

Jidher illi, mument minnhom, is-socjeta intimata bdiet tilmenta illi l-inbid li kienet qed tixtri minghand ir-rikorrent seta jinxtara minn gewwa supermarkets ghal prezz ferm orhos, u ghalhekk oggezzjonat ghal tali fatt u ma baqghetx tixtri l-affarjiet mminghanr ir-rikorrent.

Jidher illi, wara zmien fejn ir-rikorrent ma seta jasal ghal ebda kompromess mas-socjeta intimata, ir-rikorrent intebah illi l-hanut kien issa inghadda lill-persuna ohra, ossija lill Clint Micallef u, peress illi dana Micallef ma kienx ser jonora il-ftehim milhuq mas-socjeta intimata, peress illi ma kienx qed jixtri inbid minghand ir-rikorrent, huwa intavola il-proceduri odjerni sabeix jitlob il-hlas tal-penali stabbilita fil-kuntratt fejn isir 'transfer of business' mis-socjeta intimata lill-terzi li ma jkunux disposti jaccettaw l-'exclusivity agreement'.

Jidher illi tali danni jekwivalu ghal Lm1,500, ossija tlett elef, disgha mija u hmistax-il Euro.

**Ikkunsidrat**

Id-difiza imressqa mis-socjeta initmata ghal kaz odjern huwa ibbazat principalment fuq zewgt argumenti, ossija illi l-ftehim inkiser mir-rikorrent meta ma kienx qed jiprpovdi imbid esklussiv lis-socjeta intimata, kif ukoll illi l-ftehim 'per se' jikkonsisti f''restrictive practice' li jrendi l-kuntratt null u bla effett a tenur tal-Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-ewwel difiza tas-socjeta intimata, ossija li r-rikorrent kiser il-ftehim ta' l-exclusivity, il-Qorti tinnota li tul il-proceduri kolla, is-socjeta intimata, ghajr ghal stqarrijiet taghha stess u persuni involuti maghha, ossija Clint Micallef, li huwa sabu inbid ta' l-istess ditta gewwa supermarket bi prezz irhas, ma ressqu ebda tip ta' prova ohra sabiex tkun tista tikkorrobora dak li qed jikkontestaw. Il-Qorti ma tistax, f'dana l-istadju, ma tirrimarkax, illi kien ikun facili ghas-socjeta intimata illi tipprovdi xi tip ta' ricevuta ta' inbid illi hija allegatament xtrat minn gewwa supermarket bi prezz orhos minn dak pprovdut mir-rikorrent ghall-istess prodott. Madanakollu, ghalkemm is-socjeta intimata kienet taf ben tajjeb illi dina kienet id-difiza pricipali taghha, sa minn meta kellha l-ewwel problemi mar-rikorrent, ma  ghamlet ebda tip ta' sforz sabiex tottjeni provi konkreti biex jikkorrobora dak li qed tikkontendi u strahet biss fuq ix-xhieda ta' Karl Bonaci u

Clint Micallef illi, del resto, l-interess taghhom huwa biss illi jassikuraw li l-penali dovuta mis-socjeta intimata ma tithallasx.

Dwar it-tieni difiza, il-Qorti tinnota illi, ghalkemm l-artikolu 5 (1) tal-Kap 379 jitkellem dwar akkordi u prattici proibiti, l-istess ligi, fl-artikolu 6 tipprovdi illi tali proibizzjonijiet ma jghoddux f'kaz illi l-effett fuq is-suq ta' tali proibizzjoni hija wahda minimali.

Il-Qorti tifhem illi l-hsieb wara l-Kap 379 hija sabeix il-konsumatur jigi protett u jigi assikurat illi jinghata l-ahjar servizz versu l-ahjar prezz. Madanakollu, tali ligi ma ghandhiex tipproteggi kummercjanti illi, konxjament, jidhlu fi ftehim sabiex jakkwistaw beneficcji u wara jirripudjaw tali ftehim abbazi ta' argument illi hija prattika ingusta.

Il-Qorti tosserva illi s-socjeta intimata, tramite ir-rappresentant taghha Karl Bonaci, kienet ben a korrent ta' dak illi kienet qed tobbliga ruhha ghaliha u kien ben a korrent ukoll tal fatt illi, bhala rizultat ta' dan, hija kienet ser tibbenefika milli kien ser jinxtralha, kif del resto sar, fridge sabiex tkun tista zzomm l-inbejjed ghal bejgh. Tali apparat intuza mill-istess socjeta intimata, kemm waqt li kienet qed tixtri inbejjed minghand ir-rikorrent kif ukoll wara, meta waqfet tixtri tali inbejjed, u ghadu jintuza sa llum, minn terzi illi dahlu fil-hanut minflok is-socjeta intimata.

Ghalhekk, il-Qorti ma taqbilx ma' l-argument illi tali ftehim huwa null u bla effett peress illi, a kuntrarju ta' dak pprovdut fil-Kap 379, il-kummercjant, ossija is-socjeta intimata, ibbenefikat minn tali ftehim u, aktar u aktar, tali ftehim certament ma jistax qatt jitqies bhala wiehed illi seta kellu impatt fuq is-suq. L-uniku impatt illi kellu tali ftehim kif fuq is-socjeta intimata illi, ibbenefikat minnha u eventwalment riedet tohrog minnu abbazi ta' argumentazzjoni illi qatt ma gabet ebda prova konkreta biex tissustanzjah.

Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tinnutax illi l-penali stabbilit fil-ftehim imur oltre il-beneficcju illi s-socjeta

intimata inghatat bil-prezz tal-apparat mixtri mir-rikorrent, u ghalhekk, peress illi dina l-Qorti temmen mhux biss illi gustizzja issir izda li tidher li qieghda ssir ukoll, tali differenza ser tigi kkunsidrata fil-kamp ta' l-ispejjez.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u d-dokumentazzjoni esebita, u wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Tichad l-eccezzjonjiet kollha tas-socjeta intimata

Tilqa t-talba attrici u, filwaqt illi tiddikjara illi s-socjeta intimata kissret il-ftehim minnha iffirmat mar-rikorrent fl-1 ta' Gunju 2006, tikundanna lill-istess socjeta intimata thallas lir-rikorrent penali fl-ammont ta' tlett elef, disgha mija u hmitax-il Euro (€3,915) skond kif pprovdut taht l-istess ftehim.

Imghax fuq tali penal ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------